KUNSILL LOKALI ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun**

**It-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 35**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun fis-Sala ta' l-Kunsill nhar it-Tlieta, 10 ta' Marzu, 2022 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Joseph Cuschieri – Kunsillier
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Cynthia Tommasuolo – Kunsillier
Carmen Borg – Kunsillier

**UFFICJAL PREŻENTI:**

Duncan Hall – Agent Segretarju Eżekuttiv

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skond Ordni Permanenti 14A (3):**

Vincent Bonello – Viċi Sindku
Jurgen Carl Grixti – Kunsillier

**Is-Sindku Christian Sammut** ippresjeda l-laqgħa.

**35.01 Qari ta' ittri ta' apologija**

35.01.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-Vici-Sindku u l-Kunsillier Jurgen Grixti kienu infurmawh illi ma kienx ser ikun possibbli ghalihom li jattendu ghas-seduta. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-assenza taz-zewg individwi mis-seduta kellha tigi meqjusa bhala gustifikata.

**35.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

35.02.01 Il-Minuti ta' seduta numru 34 kienu gew iccirkolati qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

35.02.02 B'Referenza ghal minuta 34.3.3 il-Kunsill Lokali gie infurmat illi x-xogholijiet kienu ser ikunu qieghdin isiru bil-lejl u filwaqt li kienu ser ikunu qieghdin isiru bollards u fanali, kienu ser ikunu qieghdin jittiehdu l-mizuri sabiex ix-xoghol isir f'lejl wiehed. Wara kien mistenni li jinbeda xoghol fuq Triq Qormi. Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi x-xogholijiet fuq Triq Cordina Perez kienu mistennija jitlestew sa tmien Marzu 2022.

35.02.03 B'referenza ghal minuta numru 34.3.4, is-Sindku ghadda lill-Kunsill Lokali informazzjoni dwar meta kien qieghed jigi ippjanat li jitlesta xoghol fuq il-community clinic.

35.02.04 B'referenza ghal minuta 34.03.02, is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi minkejja li kienu ghaddew xahrejn, kienet ghadha ma waslet ebda tip ta' informazzjoni.

35.02.05 B'referenza ghal minuta 34.03.06 is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kienu ghaddejjin l-investigazzjonijiet mehtiega bil-ghan illi jigu determinati ta' min kienet l-art in-kwistjoni u materji ohra relatati ma cnus.

35.02.06 B'referenza ghal minuta numru 34.03.07, is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-attivita' msemmija kienet inzammet u kien ta' sodisfazzjon illi kienet giet koperta b'mod adegwat mill-istampa u mezzi tax-xandir.

35.02.07 B'referenza ghal minuta 34.03.08, is-Sindku infurma lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat kienu qieghdin jinzammu sessjonijiet ta' keep fit. Is-Sur Sammut zied jghid illi kien hemm aktar minn ghoxrin(20) partecipant.

35.02.08 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi b'referenza ghal minuta numru 34.03.09 il-Kunsill Lokali kien applika ghal wahda minn tliet skemi li kienu inhargu bil-ghan illi tigi rigenerata art fiz-zona maghrufa bhala tar-Rabbat.

35.02.09 B'referenza ghal minuta numru 35.02.10, is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kienet gie aggudikata sejha ghall-offerti ghall-ewwel fazi tax-xogholijiet u kienet ser tkun qieghda tigi ppublikata sejha ghall-offerti ghat-tieni fazi. Is-Sur Sammut zied jghid illi matul Marzu 2022 kien ser jinghata bidu ghax-xogholijiet fi Triq is-Sorijiet.

35.02.10 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' minuta numru 34.3.11 kienet giet varata sistema ta' hlasijiet ta' permessi elettronika.

35.02.11 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' minuta 34.3.12, wara diskussjoni mal-Kunsilliera, kien ser ikun qieghed jigi rifuz l-ammont totali li kien gie mitlub.

35.02.12 Fuq kunsiderazzjoni tas-Sindku ssekondat mis- Sa. Carmen Borg, il-Kunsill Lokali b'votazzjoni unanima approva l-minuti hekk kif imressqa.

35.02.13 Is-Sindku u l-Agent Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett

**35.03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

35.03.01 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill Lokali illi kien intlehaq qbil mal-kumpanija Melita u kien ser ikun qieghed jigi ffirmat il-kuntratt rispettiv.

35.03.02 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni mal-Gimgha l-Kbira, kien hemm qbil illi l-Grupp Armar San Gejtanu izid is-slaleb fi Triq San Guzepp filwaqt li tittella' wirja fil-binja amministrattiva tal-Kunsill Lokali u jinhareg fuljett dwar il-wirjiet li kienu ser jittellghu fil-Hamrun ghall-imsemmija okkazjoni.

35.03.03 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill Lokali illi x-xoghol fi Gnien is-7 ta' Gunju kien qieghed isir b'mod tajjeb u taht l-istess gnien kien ser jibqa' spazju ta' parkegg. Segwiet diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti.

35.03.04 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill Lokali bil-progett 'Launch of Optism" li permezz tieghu ghalliema kwalifikati kienu ser ikunu qieghdin jaghtu tahtig fil-lingwi tal-Malti u Ingliz.

35.03.05 **Is-Sindku Christian Sammut** habbar illi kien leqa' b'sodisfazzjon l-ahbar illi l-Gvern Centrali kien ippropona illi l-ispazju li kienet tokkupa l-fabbrika tal-Benna kien qieghed jigi propost li jigi zviluppat fi spazju miftuh. Is-Sur Sammut zied jghid illi fejn kien mehtieg, il-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jikkonsulta bil-ghan illi l-progett jimmaterjalizza.

35.03.06 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lil dwar talba minn kandidat politiku sabiex issir attivita' politika fil-pjazza ta' quddiem il-binja amministrattiva.

F'dan l-istadju, filwaqt li ma nstabet ebda oggezzjoni mill-membri prezenti, il-minority leader sahaq fuq l-importanza li jkun hemm trattament ugwali ghal kulhadd u sabiex kemm il-darba ikun possibbli tali attivitajiet jinzammu fi spazju miftuh quddiem il-binja tal-Kunsill Lokali.

35.03.07 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni mal-migja tal-Papa f'Malta matul April 2022, kienu inzammu laqghat mal-ghaqdiet tal-lokalita'. Is-Sur Sammut zied jghid ill fir-rigward, kienu ser ikunu qieghdin jigu ordnati 10(ghaxar) paljijiet, 300 (tliet mija) bnadar tal-idejn u 50 (hamsin) bandiera sabiex jittellghu fi Strada Rjali.

35.03.08 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill Lokali illi kien ser ikun qieghed jinkera gym tal-Liceo bil-ghan illi fih tittella' akkademja tal-basketball. Gie deciz illi b'zieda ma dan kellu jitqassam flyer b'informazzjoni dwar l-istess attivita' li kienet ser tkun ghaddejja.

35.03.09 **Is-Sindku Christian Sammut** informa lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' progett dwar immigrazzjoni li kien qieghed jippartecipa fih il-Kunsill Lokali kien ser ikun hemm zjara gewwa l-Grecja matul April 2022.

**35.04 Twegibiet ghall-mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

35.04.01 Ma kienx hemm

**35.05 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet**

35.05.01 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru02/22) ghall-approvazzjoni.

35.05.02 Fuq proposta tas-Sa.Carment Borg ssekondata mis-Sur Josef Cuschieri, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

**35.06 Update ta' progetti mill-Kunsill Lokali**

35.06.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-progett li kien hemm ippjanat ghal-Liceo kien ippjanat li jinghata bidu fl-immedjat.

35.06.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi biswit l-istabbiliment maghruf bhala ta' Fonzu kien ser ikun ehmm modifika tas-sistema tat-traffiku u kienet ser tkun qieghda tigi rrangata traffic island.

35.06.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali bl-istat hazin ta' bankina li kien hemm fi Triq Atocia u l-bzonnijiet reltatati.

35.06.04 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kienu waslu fil-fazijiet finali ix-xogholijiet fuq Triq il-Vitorja. Huwa sahaq illi waqt ix-xogholijiet kien inkixef u gie ppriservat xelter li kien instab

35.06.05 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi hanut li l-Kunsill Lokali kellu fi Strada Rjali kien ser ikun qieghed isir xoghol fuqu permezz tal-Programm Development Planning Fund tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

35.06.06 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi l-istess Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jiehu hsieb illi jixtraw fanali u bollards b'konnessjoni ma' progett li kien qieghed jigi implimentat fi Triq Cordina Perez.

35.06.07 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kienet ser tkun qieghda tinxtara vetrina ghall-memorabilia sabiex titpogga fl-entratura tal-binja amministrattiva tal-Kunsill Lokali.

**35.07 Sejhiet ghall-offerti**

35.07.01 Is-Sindku u l-Agent Segretarju Ezekuttiv aggornaw lill-Kunsilliera prezenti bl-istadju ta' sejhiet ghall-offerti li l-Kunsill Lokali kien hareg jew li kien qieghed jippjana li jinhargu.

**35.08 Attivitajiet ghas-sena 2022**

35.08.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali b'applikazzjoni li kienet giet sottomess b'konnessjoni mal-attivita' Pjazza Muzika.

35.08.02 Is-Sindku aggorna lill-Kunsill Lokali rigward l-attivita' li kienet tittella' b'mod annwali bl-isem ta' Hamrun Chocolate Festival.

35.08.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali bl-attivita' ta' Charles Camilleri li kien qieghed jigi propost illi tittella' f'Mejju 2022.

F'dan l-istadju halliet is-seduta Dr. Cynthia Tommasuolo (19:07)

35.08.04 Fuq proposta tal-Kunsillier Josef Cuschieri, kien hemm qbil illi tintbaghat cirkolari lir-residenti ta' Triq Mile End rigward is-sistema ta' immaniggjar tat-traffiku.

35.08.05 Wara kunsiderazzjoni tal-Kunsillier Josef Cuschieri, kien hemm diskussjoni libera rigward nuqqas ta' monitoragg mill-pulizija biswit l-iskola San Guzepp.

**35.09 Aggornament tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

35.09.01 Il-laqgħa intemmet fis-7:40 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal nhar it-tlieta, 6 ta' April, 2022 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum, 6 ta' April, 2022

Christian Sammut
Sindku

Duncan Hall
Agent Segretarju Eżekuttiv